MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 673/2003

**Transmec Services Limited**

**vs**

**George Gauci**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm1,124.24c) bilanc minn somma akbar, rappresentanti l-valur ta' materjal ghall-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenut, Dok "TMS1".

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas inkluza ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 2002, il-konvenut

baqa' nadempjenti u ma hallasx dak minnu dovut lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz tat-talba u bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Novembru 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota t' amissjoni tal-konvenut.

Jiddeciedi u jilqa t-talbiet attrici, u jikkundanna l-konvnut ihallas is-somma ta' Lm1,124.24c (elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------